**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru.742/2018*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stacey Attard)**

**-vs-**

**John Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 140675M**

**Leanne Chalbi, detentriċi tal-Karta tal-Identita`**
**bin-numru 278088M**

**Illum**: 7 t'Ottubru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkużi[1] miġjuba fil-konfront tal-imputati John Mifsud u Leanne Chalbi u cioe` talli:

1. Fit-22 ta' Novembru, 2018, ghall-habta ta' bejn 14:30hrs u 15:30hrs minn gewwa remissa li tinsab fi Triq l-Istalel gewwa Marsa, flimkien ma persuni ohra ikkommettew serq ta' bagalja kontenenti 4,000 Euro u hwejjeg ohra ghad-dannu ta' Lamin Jammeh u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (€2,329.37) u bil-lok:

[1] Fol.23-24

**Lil John Mifsud wahdu nakkuzawh ukoll talli:**

1. Talli fit-22 ta' Novembru, 2018, ghal habta ta' bejn 14:30hrs u 15:30hrs fil-Marsa u fi nhawi ohra f'dawn il-gzejjer, ikkaguna jew x'aktarx ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh fuq il-persuna ta Lamin Jammeh;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura tal-għamla Volkswagen bin-numru tar-registrazzjoni BEE 008 b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

3. Rrenda ruhu ricediv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbidlu.

4. Fit-22 ta' Novembru, 2018, u fil-granet ta' wara din id-data f'dawn il-Gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., fid-digriet taghha tal-31 ta' Awwissu, 2018, hekk kif emendat mill-Qorti Kriminali, Imhallef Consuelo Scerri Herrera nhar il-11 ta' Novembru, 2018, li bih taw il-helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 8,000 ewro.

**Lil Leanne Chalbi waħedha nakkuzawha ukoll talli:**

*1.* Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kissret il-provedimenti tal-Kap. 446 tal-Artiklu 7 tal-Ligijiet ta' Malta, imposti fuqha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D., datata 16 ta' Lulju, 2018, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tordna lill-akkuzati jhallsu ghall-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu ma l-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba illi f'kaz ta' kundanna, tapplika il-provedimenti tal-Artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-**23 ta' Dicembru, 2019,** permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[2]

**<u>Fil-konfront ta' John Mifsud u Leanne Mifsud:</u>**

[2] Fol.358-359

- Fl-artikolu 17, 31, 383 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b) u 267 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 274 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**<u>Fil-konfront ta' John Mifsud waħdu:</u>**

- Fl-Artikolu 218(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta:
- Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**U fil-konfront ta' Leanne Chalbi waħedha:**

- Fl-Artikolu 23 tal-Att Dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-

**Preliminari**

Gie esebit il-**Proces Verbal Nru.155/19** li jittratta serq ta' flus kontanti w dokumenti li sehh ghad-detriment ta' Jammeh Lamin fit-22 ta' Novembru, 2018.[3]

Kopja originali tal-istess tinsab esebita fil-proceduri **Il-Pulizija vs Noel Borg** u kien b'digriet tal-20 ta' Marzu, 2019,[4] li kopja tieghu gie inserit f'dawn l-atti. Fost ir-rapporti esebiti fil-proces verbal imsemmi hemm ir-relazzjoni tal-espert Cutajar li tikkontjeni *stills* u filmati.

---

3 **Dok.DZ** a fol. 154-213

4 Fol.152

Peress li l-original tal-filmati baqghet fil-procediment **Il-Pulizija vs Noel Borg** u biex jigi evitat l-inkonvenjent ta' potenzjali *cross-referencing* ghaliha bejn process u iehor[5], kif ukoll peress li l-*stills* f'dawn l-atti huma fotokopja *black & white,* b'digriet iehor tal-14 ta' Settembru, 2020, din il-Qorti ordnat lill-espert Cutajar sabiex jipprezenta kopja ohra tar-relazzjoni tieghu sabiex ikun hemm access immedjat ghall-partijiet kemm ghall-filmati kif ukoll ghall-ritratti bil-kulur. Kopja ohra tar-relazzjoni tieghu giet sussegwentement prezentata kif ordnat fl-ahhar seduta.

**Il-Provi**

1. L-**Ispettur Lydon Zammit** beda biex jispjega kif il-pulizija giet mgharrfa minn certu Lamin Jameh li kien ghadu kif gie aggredit u misruq. Jixhed,*"Mill-ewwel investigazzjoni li ghamlu l-Pulizija rrizulta li tlett persuni, zewg irgiel u mara kienu dahlu fir-residenza li huwa garaxx, propjament kienet tintuza stalla fejn bhalissa qed joqghodu madwar sitt min-nies u li jaghmel parti minn blokka ta' garaxxijiet ohra. Kienu dahlu dawn iz-zewg irgiel u mara fejn wara li kien gie aggredit kienet insterqitlu bagalja li fiha kien hemm madwar, skond il-vittma, madwar 4000 euro, xi dokumenti u xi hwejjeg ohra. Hu qalilna fuq il-post lill-Pulizija kien infurmahom ukoll li wara li hareg jigri biex izomm il-bagalja, biex ma jitilqux bil-bagalja, qabad mal-karozza li kienu ser jaharbu minn fuq il-post il-persuni u* ***gie mkaxkar madwar hamsin, sittin metru fl-istess triq ghall-kantuniera ta' wara***[6]*..... Il-bagalja huma l-affarijiet personali tieghu. Kienet fir-residenza, din biex nispjega lill-Qorti, il-post huwa stalel, kienu jintuzaw l-istalel, jigifieri ghandek entratura imbaghad ghandek tlett ikmamar li jintuzaw qishom kmamar tas-sodda, wahda minnhom tintuza qisha kcina. Il-bagalja kienet tinsab f'wahda mill-kmamar tas-sodda fejn jorqdu, fejn jorqod ukoll l-allegat vittma u fiha kien izomm hu, skond il-vittma, kien izomm il-flus li huma tat-tlett min-nies tieghu u ta' tnejn ohra, kif ukoll hwejjeg u xi dokumenti ukoll tal-persuna. Jien flimkien mal-Ispettura Stacey Attard mill-Ghassa tal-Hamrun inzilt fuq il-post personalment biex tkompli l-investigazzjoni minn naha taghna, gie identifikat li l-persuna tghix ma' sitt persuni ohra kollha ta' nazzjonalita' barranija, gie identifikat li l-vittma kien certu Lamin Jameh li kien imwieled fit-12 ta' Dicembru 1998 mill-Gambia u li ghandu dokument tal-identita' taljana bin-numru AY7041181. Gie stabbilit fuq il-post li l-persuni suspettuzi, dawn it-tlett persuni pparkjaw il-karozza faccata tal-entratura ta' din il-blokka ta' garaxxijiet jigifieri quddiem residenza li hemm fuq il-post u kienu marru lejn dan il-garaxx bil-mixi. Ingiebu xi CCTV's ta' din ir-residenza fejn kellna s-suspett li pparkjaw, inhatret ukoll inkjesta rigward dan il-kaz fejn inhatret mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia, .....Wara r-rikors li sar ingiebu c-CCTV's biex jigu analizzati fejn irrizulta mill-ewwel li anke l-Pulizija li raw ic-CCTV fuq il-post qabel*

[5] F'dawn l-atti insibu li l-s-CD bil-*footage* tinsab esebita a fol.180 tal-atti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Borg.**
[6] Fol.28-29

*anke ma ngabru rrizulta mill-ewwel li l-karozza li kienu biha kienet tal-ghamla Volkswagon Beatle tan-numru tar-registrazzjoni BEE 008, mill-ewwel stharrig li sar kemm minni u kemm mill-Pulizija tad-distrett irrizulta li din il-karozza tghajjat lil certu Noel Borg bin-numru tal-karta tal-identita' 159080 u anke mill-filmati li konna qeghdin naraw fuq il-post irrizulta li anke kien wiehed minn dawk it-tlett persuni li gie identifikat kif ukoll gew identifikati z-zewg persuni l-ohra bhala Leanne Chalbi u John Mifsud.".*[7]

2. L-ispettur ikompli li meta l-pulizija analizzat il-filmati li ngabru mill-akkwati, irrizulta li fil-13:46hrs dehret tasal fuq il-post vettura bil-pjanci BEE-008, li madwar zewg minuti wara harget minnha Leanne Chalbi li dahret ghal fejn hemm il-garaxxijiet. Meta kienu saru 13:55hrs il-vettura tidher titlaq minn fuq il-post biex tipparkja fil-kantuniera tat-triq, b' Chalbi tibqa' barra u tidher tersaq lejn il-vettura. Ikompli, *"Ghall-habta tas-saghtejn u disa' minuti [14:09] tidher terga Leanne Chalbi tidhol fil-karozza u l-karozza ssuq minn fuq il-post. Ghall-habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta [14:41], l-istess karozza il-BEE 008 tirritorna fl-area u tigi pparkjata ezatt fejn imbaghad gie mkaxkar il-persuna. Noel Borg u John Mifsud fis-saghtejn u tlieta u erbghin minuta [14:53] jidhru johorgu mill-karozza u jsegwu lil Leanne Chalbi ghal gol-entratura tal-garaxxijiet. Nixtieq nghid li peress li CCTV il-footage ma jidhirx il-garaxxijiet ghax qieghed il-gewwa l-garaxx imma tidher kwazi l-entratura.* ***Ghall-habta tas-saghtejn u erba' u hamsin minuta [14:54] tidher Leanne Chalbi tirritorna lejn il-karozza bil-bagalja*** *li allegatament insterqet minghand il-vittma. Minuta tidher il-vittma gej lejn il-karozza bil-giri u jigi segwit minn Noel Borg u John Mifsud u anke hin minnhom Noel Borg jidher jaqbad lill-vittma u jkaxkru biex johorgu minn gol-karozza. Fis-saghtejn u sitta u hamsin minuta [14:56] jidher li* ***John Mifsud kien qed isuq il-karozza*** *u Noel Borg kien f'tal-passiggier u Leanne Chalbi kienet fuq is-seat ta' wara u* ***jidher il-vittma jigi mkaxkar li kien qed izomm man-naha tal-passiggier ghall-madwar hamsin jew sittin metru*** *sakemm imbaghad ma taqbdux iktar ic-CCTV footage.".*[8]

Meta l-ghada kellem lill-vittma waqt li kien rikoverat l-isptar, dan qallu li mara riedet ikollha relazzjoni sesswali mieghu izda meta m'accettax, hi telqet il-barra. Ftit wara, xi 14:41hrs, il-mara rritornat ma zewgt irgiel.[9] Din id-dikjarazzjoni ser ikollha rilevanza kbira meta jigi kkunsidrat li nstab zarbun bit-takkuna fir-residenza ta' Lamin li jghid li ma kienx jaf il-persuni li aggredewh u serquh.

Zammit jispjega li Lamin kien qallu li l-mara w z-zewgt irgiel riedu jbieghulu *mobile*. Ghalkemm qalilhom li ma kellux bzonn *mobile*, dawn **l-irgiel dahhlu gewwa ghandu, aggredewh** fl-ewwel kamra, filwaqt li l-mara dahhlet fil-

[7] Fol.29
[8] Fol.30
[9] Fol.30-31

kamra tas-sodda, sabet il-bagalja ta' kulur blue li kienet mal-art u harget tigri l'barra. Lamin **baqa' jigi aggredit minn naha taghhom**. Ghalkemm irnexxielu jiskapalhom, hareg jigri wara l-mara w ipprova jidhol fil-vettura biex jiehu l-bagalja. Dak il-hin l-irgiel regghu aggredewh biex jaqilghuh minn mal-karozza izda rnexxielu jdur maghha u ggranfa mal-vettura. Il-vettura baqghet tinstaq ghall-ftit metri sakemm waqa'.[10] Lamin Jammeh stqarr mal-pulizija li meta gie aggredit intefa' fuq il-bagalja biex ma jehduhiex u ssopona li b'hekk kien nebbahhom li kien fiha xi haga ta' valur. Lamin kompla jispjegalu li kienet haga regolari li jmorru nies joffrulhom bejgh ta' *mobiles* u servizzji sesswali.[11]

3. L-ispettur izid li fl-istqarrija taghha, Chalbi *"ikkonfermat dakinhar kienet marret fil-garaxx flimkien ma' Noel Borg u ma' John Mifsud. Hi l-ewwel darba li marret qaltli li kellha x'taqsam mal-persuna, mal-allegat vittma, attivitajiet sesswali, wara skond hi kellha, hu ried jerga jkollu x'jaqsam maghha, hi qaltlu biex jerga jhallasha imma hu qalilha le li bil-flus li tajtek ha nkun trid terga taghtini u anke pprova jaggredixxiha. Zammilha l-mobile phone, hi telqet il-barra ghax qaltlu ghandi klijent iehor issa nerga nigi, wara flimkien ma' Noel u John, hi rrittornat fil-garaxx biex tiehu l-mobile phone taghha. Hi spjegatli li hadet il-basket ghaliex hasbet li l-mobile phone kien f'dak il-basket."*.[12] L-istqarrija taghha giet esebita minnu flimkien ma dik ta' John Mifsud.[13] Dawn gew traskritti minn Dr. Lenox Vella minn fejn jirrizulta li Mifsud ma wiegeb ghall-ebda domanda li saritlu.[14]

4. Fl-**istqarrija** minn taghha Chalbi tghid: *"jiena qieghda, nahdem, naghmel xoghol ta' prostituzzjoni. Dan il-persuna cempilli fuq il-mowbajl biex immur niltaqa' mieghu u mort u ssoltu inzommlu twenty Euro (EUR 20) meta mmur hemmhekk. Tani twenty (20). X'hin lestejt, rega' ried ohra u jiena ghidtlu trid thallasni. Qalli le, qalli ssoltu qalli speci ta' nigi ta' spiss mieghek, pretenda u ghidtlu ismaghni jiena biex nehles minnhu, ghax beda jigi aggressiv dan, ghidtlu ismaghni, ghidtlu ghandi persuna ohra rrid naghmlu, ghidtlu wara nerga' nigi hdejk u zammli l-mowbajl dan, jigifieri ma rnexxilix nilghab bih jien u mort ghand Noel u Johann, ghidtilhom isma', ghidtilhom dan il-bniedem hadli l-mowbajl, ghidtilhom tistghu tghinunhi ha nerga' ngibu ? Mort, habbatlu l-bieb u dhalt u kien ha jaqbad jigi aggressiv. Wara ftit gew Noel u Johann u dan l-iswed ma bediex jibza' jigifieri, beda jghajjat joffendini hekk quddiemhom xorta u jiena qabel tlaqt rajtu lilhu tefghu gol-bagalja l-mowbajl tieghi u* ***x'hin kellhom xi jghidu qbadtlu l-bagalja jiena, hadta u tlaqt nigri fil-karozza u warajjha gie l-iswed, imbaghad gew Noel u Johann u nehhewh u tkaxkar mal-karozza****. Jien bdejt nipprova nwaqqafhom ghax* ***bdejt nisimghu jwerzaq miskin lilhu*** *u ma stajtx nara barra x'inhu jigri….[dhalt fuq wara] In-naha tal-passiggier, fuq in-naha tal-*

[10] Fol.31
[11] Ibid.
[12] Fol.32
[13] Fol.32. Vide stqarrija ta' Chalbi **Dok.LZ1** a fol.36 u dik ta' Mifsud **Dok.LZ2** a fol.37
[14] Fol.54 et seq.

*passiggier kont qieghda imma* ***bdejt nisimghu jwerzaq*** *u qbadt nippanikja jien ghax jiena lanqas, lanqas naf x'gara. Ma rajtux kif kien imkaxkar, xejn. Infatti wrejtni l-vidjo biex rajt kif kien, u daqshekk. U fil-bagalja kellhu forty euro (EUR 40) u l-mowbajl tieghi u kellhu xi hwejjeg. Xi hwejjeg, xi jeans, slipper u xi tlett (3) t-shirts, xi haga hekk".*[15] Ftit qabel kien cempel klijent iehor u kien ghalhekk li kienet f'dawk l-akkwati ghaliex hemmhekk ghandha hafna klijenti.[16]

Tkompli li peress li Lamin zamm il-*mobile* u z-zarbun, talbet lil Noel u John imorru maghha biex jekk jattakaha iwaqqfuh.[17] Noel staqsieh xi gralu w inqalghet glieda bejniethom.[18] Dak il-hin qabdet il-bagalja u telqet biha l-barra.[19] Tistqarr li fethet il-bagalja u fi *plastic folder* li kien hemm fiha ma xi dokumenti sabet €40 f'zewg karti tal-€20. Hadithom u qassmuhom €20 kull wiehed Borg u Mifsud li kellhom bzonn jixtru droga bihom.[20] Ghalkemm Chalbi tinsisiti li ma kienx hemm €4,000 izda biss hwejjeg tal-irgiel u xi karti,[21] tghid li hadet biss il-*mobile* taghha w halliet il-bagalja fil-vettura ta' Noel[22] minghajr ma qaghdet tkompli tqalleb u tfittex fiha: *"Il-baglaja ma qallbitiex kollha jiena. Kemm imbaghad hadt il-mowbajl, kellhi wisq panik fuqi".*[23] U zzid li semghet it-twerzieq ta' lamin u gietha hlewwa ta' qalb[24] ***"dik it-tkaxkira, lanqas irrid nimmagina miskin kemm wegga'."***[25] Dwar il-bagalja tghid *"Ħallejta fil-karozza ta' Noel jiena….Ma nafx fejn qieghda.".*[26] Spiccat l-istqarrija titlob ghall-ghajnuna w li kienet lesta tghin lil Lamin.[27]

5. L-ispettur Zammit esebixxa il-vettura BEE-008,[28] il-Current Incident Report kif ukoll certifikat mediku mahrug minn Dr.Shamaki Garba.[29]

6. Mill-**Current Incident Report**[30] jirrizulta li *a tempo vergine* Lamin stqarr li meta t-tlett malviventi harbu bil-bagalja w dahhlu fil-vettura li kienet

---

[15] Fol.59-60
[16] Fol.61
[17] Fol.63
[18] Fol.64-65
[19] Fol.65
[20] Fol.68
[21] Ibid.
[22] Fol.69
[23] Fol.72
[24] Ibid.
[25] Fol.73
[26] Fol.74
[27] Fol.75-76
[28] **Dok.VB1** a fol.48-49
[29] Fol.132. Certifikat **Dok.LZZ** a fol.134
[30] **Dok.CIR** a fol. 44-47

parkeggjata, hu mar ghal warajhom u prova jidhol fl-istess vettura, *"he tried to take back his things back by force where same attacked him again, but he kept grab of his things as they drove away with him dragging on the street until he let go."*.[31]

7. Il-Current Incident Report gie kkonfermat minn **PS593 Raphael Attard Flores**.[32] Is-surgent issemmi li mar fuq il-post hekk kif gew informati bl-akkadut, u sabu lill-vittma li nfurmahom li zewg irgiel u mara dahhlu fuqu w attakkawh fizikament, serqulu bagalja li fiha kellu dokumenti u madwar 4,000 euro fi flus kontanti. Hu gera ghal warajhom izda meta dawn dahlu go karozza pparkjata, rega' kien hemm kommozzjoni fizika bejniethom u pprova jahtaf il-bagalja. Spjegalu li dawn saqu w baqa' jitkaxxkar tul it-triq sakemm fl-ahhar mill-ahhar kellu jitlaqha w minhabba f'hekk soffra griehi f'saqajh ix-xellugija.[33] **PC270 Sean Borg** kkonferma l-istess dettalji tenut kont li kien akkumpanja lis-surgent Attard Flores.[34] L-istess jaghmel **PC508 Aidan Gatt**.[35]

8. **L-Ispettur Fabian Fleri** jaghti r-retroxena dwar dak li gie rraportat lill-pulizija nhar it-22 ta' Novembru, 2018, minn Lamin: *"Sussegwentament wara li dahal dan ir-rapport konna morna fuq il-post u minn investigazzjoni li ghamilna kien irrizulta li fil-vicinanzi kien hemm CCTV camera u minn din ic-CCTV camera kienet taghti ezatt ghalfejn il-vettura li l-persuni kienu, ghamlu wettqu dan ir-reat u kienu waqfu biha hemmekk u giet ipparkjata hemmekk, filfatt dawn ic-CCTV kienu cari hafna, kienu tajbin hafna, filfatt il-vettura li dehret kienet Volkswagon Beetle mill-moderni b'kulur celesti, bin-numri kienu dehru anke n-numri tar-registrazzjoni li kienu BEE 008 u kienu dehru persuna femminili u zewg persuni maskili. Fejn l-ewwel marret il-persuna femminili imbaghad warajha imorru l-persuni maskili u nqabad ukoll fuq il-camera it-tieni parti meta dawn gew jigru u dahlu fil-karozza u filfatt gie jigri l-vittma warajhom u inqabad ukoll* ***fil-filmat qieghed jitkaxkar mill-karozza ghal diversi metri****. Irrizulta wkoll illi l-vettura BEE 008 kienet tghajjat lil Noel Borg li minn ritratt li kellna tieghu kien jintgharaf bhala l-persuna li rikeb passiggier fil-vettura wara li dawn telqu minn fuq il-post u kien fuq in-naha tieghu illi l-vittma inqabad mill-karozza. Irrizulta wkoll li l-persuna femminili wara li sehhet is-serqa kienet rikbet fis-seat ta' wara u dan jidher evidenti ghax il-karozza kienet three door u tidher qeghda tidhol wara s-seat ta' quddiem u l-persuna li kien qed isuq huwa persuna li kien kompletament fartas u jinghtaraf li huwa John Mifsud, dawn it-tlett persuni, is-Sur John Mifsud, Leanne Chialbi u Noel Borg jien qed ngharafhom it-tlieta li huma fl-Awla."*.[36]

[31] Fol.46
[32] Fol.221
[33] Fol.222
[34] Fol.224
[35] Fol.226-228
[36] Fol.296-297

7. **Karen Cremona** in rapprezentanza ta Transport Malta wriet kif vettura Volkswagen Beetle ta' kulur blu bi pjanci BEE 008, kienet registrata fuq Noel Borg mis-6 ta' Novembru, 2018, hmistax qabel l-aggressjoni.[37]

8. **L-Ispettur Stacey Attard** kkonfermat id-dettalji dwar kif sehhet l-aggressjoni fuq Lamin gewwa daru. Ziedet li Lamin kien **tkaxkar ghal madwar 60 metru.**[38]Marret l-isptar fejn hadet l-verzjoni tieghu u tixhed *"Meta mistoqsi jaghti deskrizzjoni tal-aggressuri, huwa qal li l-persuna femminili kienet liebsa libsa sewda u **zarbun tat-takkuna**."*[39]

Minn hawn gja jidher li hemm kontradizzjoni ma dak li tistqarr Chalbi meta tghid li kien Lamin li kien cempillha. Li kieku dan kien minnu, **kien jaghti d-dettalji taghha lill-pulizija**, wara kollox jixhed li l-**mobile kien baqa' ghandu** w kien hu li cempel lill-pulizija bih!

*Time-line*.

9**. PC965 Maverick Camilleri** jixhed li fl-4 ta' Dicembru, 2018, lemah lil Noel Borg diehel is-CID Yard bil-vettura BEE-008. Kien gie inkarigat jaghmel *time-line* tal-*cameras* li kien hemm fl-akkwati fejn sehhet l-aggressjoni.[40] Dan it-*time-line* sar ghal jum tat-22 ta' Novembru, 2018, fi Triq l-Istallel, Marsa. Gew identifikati l-post li fih sehhet l-aggressjoni u minn fejn setghet giet il-vettura. Ittiehed *cctv* minn residenza li tinsab faccata ta' blokk garaxxijiet li fihom kien jghix Lammin u gie analizzat minnu. Jghid li hemm diskrepanza bejn il-hin tal-*footage* u *real time* ta' siegha. [41]

10. Jirrizulta li l-*offset time*, il-hin mhux dak ta' siegha kif jixhed PC965 izda ta' 38 minuta bil-quddiem. Dan jikkonstatah l-espert Keith Cutajar fir-relazzjoni tieghu.[42]

11. It-*time-line* ferm akkurat w studjat mill-abbli kuntistabbli gie prezentat bhala **Dok.MC.**[43]

---

[37] Fol.127. Vide **Dok.KC** a fol.129 et seq
[38] Fol.214
[39] Fol.215
[40] Fol.98-99
[41] Fol.99
[42] **Dok.KC** a fol.171
[43] Fol.103 et seq.

PC Camilleri jispjega, *"Issa bazikament dan l-ewwel li nnutajt il-vettura li semmejt, BEE 008 kien fil-hin tal-camera ha nghid hekk, il-hin tal-camera 46.15, jigifieri s-siegha ta' wara nofsinhar 46 minutes, 15 seconds, li kienet gejja minn Triq il-Gerrejja u dahlet go Triq l-Istallel, it-tieni ritratt hi u tipparkja Triq l-Istallel, it-tielet ritratt imbaghad jidher li* ***John Mifsud li qed nara gewwa din l-Awla, hareg minn gol-vettura*** *u r-raba' ritratt juri li Leanne Chalbi li qed naghraf ukoll f'din l-Awla* ***tohrog mill-vettura ukoll****. Imbaghad ir-ritratt ta' wara turi Leanne Chalbi bdiet miexja l-isfel direzzjoni l-isfel lejn Triq il-Gerrejja.*[44] *……………….. Dik is-side road ta' ma' Triq l-Istallel. Fir-ritratt li jmiss turi lil Leanne Chalbi marret f'din it-triq imsemmija u ghamlet diversi minuti hemmekk u wara ftit minuti kif semmejt, hawn kollox anness, wara ftit minuti tidher il-vettura tinzel l-isfel, tipparkja fil-kantuniera bejn Triq il-Gerrejja u Triq l-Istallel u Leanne Chalbi tiela l-fuq lejn din id-dahla ta' dawn il-garaxxijiet. Wara ftit il-vettura reggeht irriversjat fejn kienet jigifieri fi Triq l-Istallel u pparkjat. Imbaghad regghet irriversjat, regghet saqet l-isfel u regget ipparkjat u wara ftit sekond regghet ipparkjat in-naha ta' isfel, tigi Leanne Chalbi u titla gol-vettura…… Mela kif bdejt nghid dehret Leanne Chalbi titla' fil-vettura waqt li kienet f'din il-kantuniera. Issa nnutajt ukoll li* ***Leanne Chalbi l-ewwel darba li dehret tiela' l' fuq kienet b'takkuna u hi u tiela' fil-vettura din it-takkuna ma baqghetx tilbisha, kellha zarbun iehor catt*** *milli jidher fil-filmat*[45]*…... Bdejt nghid li kienet li dehret li kienet bit-takkuna kienu 14.47.23….. L-ewwel darba li kienet harget mill-vettura, imbaghad dehret minghajrha 15.10.39. ….. imbaghad il-vettura saqghet,* ***dan li kienet saqghet footage time 15.10.45 u regghet giet wara 31 minutes qisu bejn wiehed u iehor u 15.41.42 u pparkjat fit-tarf tat-triq fejn bdiet tipparkja qabel, imbaghad hargu it-tlett min-nies li huma, Noel Borg, Leanne Chalbi u John Mifsud mill-vettura.*** *Leanne Chalbi qabdet miexja l-isfel u huma regghu dahlu fil-vettura, issa wara bazikament 15.54.49 tidher Leanne Chalbi tigri lejn il-vettura b'xi haga u ggorr xi haga f'idejha u wara qisu bazikament f'inqas minn minuta jidher il-vittma Lamin Jammah jigri lejn il-vettura. Ritratt ta' wara juri li hareg John Mifsud qadt ma' genb il-vettura u hareg* ***Noel Borg u beda' jikkumbatti ma' Lamin Jammah ghax beda' jipprova jidhol gol-vettura, …. u mbuttah, jidher jimbuttah Noel Borg, imbaghad dahlu fil-vettura u Lamin Jammah beda' jipprova jidhol fil-vettura u malli beda' jipprova jidhol, r-ritratt ta' wara juri li saqu bih waqt li kien qieghed imdendel bil-bieba miftuha u hu mdendel u qed isuqu, imbaghad ir-ritratt ta' wara jidher fit-tarf tat-triq, f'dik il-kantuniera li semmejt ghadu mdendel Lamin Jammah.".***[46]

12. **Lamin Jammeh**, il-vittma ddeskriva kif fil-jum li gie aggredit, kien ghadu kemm gie mix-xoghol u dahal jinhasel meta sema xi hadd ihabbatlu l-bieb u sab tlett persuni li **gharafhom** bhala l-imputat Borg, John Mifsud u Leanne

[44] Fol.99
[45] Fol.100
[46] Fol.101

Chalbi.[47]Noel Borg staqsieh jekk riedx jixtri *mobile phone* waqt li Mifsud kien wieqaf hdejn il-bieb u skond ix-xhud josserva jekk kienx hemm xi hadd gej. **Chalbi kienet diga dahhlet gewwa**,[48] *"I said I don't need the phone, can you please go out, let me close the door….They refused so* ***I said if you dont go out I will call the Police and this one in the middle he started to fight me….. Yes he punched me*** *look at my teeth….. Yes all my teeth…..So then they fight me and I was shouting."*[49]

Il-Qorti setghet tinnota li meta xehed fil-21 ta' Jannar, 2019, xahrejn wara l-akkadut, *"his front right tooth is slightly displaced"* kif ukoll kellu l-hanek minfuh.[50]

13. Lamin jixhed li ma kienx jaf lill-malviventi u **qatt ma rahhom qabel**. Ikompli, *"They know there is money inside my ….. my money is there and my friend also money is there so then,… they started fighting me and pushed me inside my house…. they broke the stand fan, when the Police came they saw everything* ***…*** *Then after they took the bag****…. The money is inside, my documents, my clothes, everything is inside that luggage.".*** Jispjega li kif ra x'kien qed issehh mar hdejn il-bagalja biex jipprotegi hwejjgu, u **Noel Borg hadlu l-bagalja minn idejh u ghaddiha lil Chalbi li telqet tigri l-barra mid-dar bil-bagalja**.[51] Qabel ma ttihdietlu l-bagalja, **Borg u Mifsud bdew ituh bil-ponn u komplew issawwtuh** anke wara, u fil-fatt ghadu migghuh f'daharu.[52] Jiddeskrivi kif hu mar ipoggi fuq il-bagalja x'hin dahhlu gewwa daru izda wara li gie aggredit miz-zewg irgiel, dawn irnexxielhom johdulu l-bagalja w **tawha lil Chalbi li telqet tigri l-barra biha**.[53]

14. Kif irnexxielu jahrab liz-zewgt irgiel, gera ghal barra warajha w segwiha gewwa l-vettura li kienet pparkeggjata barra.[54] Lamin jghid li l-mara kienet bilqeghda fuq wara tan-naha tal-passiggier u hu fetah il-bieba ta' wara u dahal gewwa biex jipprova jiehu lura l-bagalja. Meta hareg mid-dar u telaq jigri lejn il-vettura, l-irgiel segwewh u harguh mill-vettura, haduh in-naha ta' wara taghha w **bdew issawtuh fit-triq.**[55] Dak il-hin mar fuq in-naha tal-passigier u qabad mal-genb tal-vettura biex ma jsuqux: *"I hung by the door….so they could not go with my bag so somebody can help me [****Court****: So you were shouting, holding on to the handles so they -dont drive].. Yes,* ***they are still punching me so I let go off***

[47] Fol.83-84
[48] Fol.84-85
[49] Fol.85
[50] Ibid.
[51] Fol.86
[52] Fol.86-87
[53] Fol.87
[54] Fol.88
[55] Fol.88-89

***the handle but I did not leave the door..... that is why I have these injuries because I did not leave the door, so they are driving the car.".*** Ix-xhud jghid li soffra griehi fuq koxxtu w siequ tax-xellug, u li **meta nstaqet il-vettura, siequ kienet taht il-vettura u ghaddiet minn fuqha**.[56]Kif ma baqax izomm mal-vettura cempel lill-pulizija.

15. Lamin Jammeh jghid li nsterqu **madwar €4,000 li minnhom hu kellu €1,500** filwaqt li l-kumplament kienu jappartjenu lill-shabu.[57] Il-bagalja kienet blu skur u kienet tinzamm fil-kamra tas-sodda.[58] In kontro-ezami jerga' jsemmi li mill-€4,000 li kien hemm fil-bagalja, hu kellu biss €1,500 u dawn kienu flejjes li kien rcieva minn xoghol ta' kostruzzjoni fejn kien jithallas kull nhar ta' Gimgha.[59]

16. **Ansumana Drammeh** spjega li jghix gewwa l-Marsa ma Lamin. Dan cempillu biex jghidlu x'kien gralu.[60] Meta wasal id-dar, ha numru ta' ritratti bil-*mobile* u wara baqa sejjer l-isptar fejn siehbu.[61] Lamin kien zammlu €400 gewwa bagalja li x-xhud kien tah.[62]Ir-ritratti li ha tad-dar kien wriehom lill-pulizija meta wasal l-isptar u dawn haduh fuq il-post.[63] Dawn ir-ritratti gew esebiti minnu.[64]

Ir-ritratti juru parti minn fan (gradilja protettiva ta' naha) mixhuta mal-art u taqlib fil-kamra tas-sodda. Jidher ukol zarbun tan-nisa x'aktarx iswed bit-takkuna. Mal-hajt ta' wara s-soddod hdejn sodda tal-lemin hemm bagalja. Hdejn is-sodda tax-xellug li skond ix-xhud tappartjeni lil Lamin hemm spazju vojt fejn kienet tinzamm il-bagalja ta' Lamin. Drammeh jghid li iz-zarbun ma kien jappartjeni lil hadd li kien jghix f'dik id-dar.[65]

17. **PS586 Mario Azzopardi** u **WPS293 Michelle Camilleri**, *scene of crime officers*, esebew ir-relazzjoni taghhom.[66] Fl-istess rapport hemm inkluz faxxikolu ritratti li juru li l-fond fejn kien jirrisjedi Lamin. Dan kien garaxx f'dahhla ta' numru ta' garaxxijijiet ohra maqtugha mit-triq. Fir-rapport minn taghhom is-*scene of crime officers* jiddikjaraw li gie elevat zarbun ta' mara ta'

---

[56] Fol.89-90
[57] Fol.91
[58] Fol.92
[59] Fol.93-94
[60] Fol.137-138
[61] Fol.139
[62] Fol.140
[63] Fol.142-143
[64] **Dok.AD** a fol.149
[65] Fol.147-148
[66] Fol.241. Relazzjoni **Dok.AA** a fol. 243 et seq

lewn iswed,[67] li sussegwentement gie mghoddi lil Dr. Marisa Cassar.[68] Kopja originali ta' dan ir-rapport hu esebit fl-atti **Il-Pulizija vs Noel Borg**.

18. **Dr. Marisa Cassar** tixhed li minn analizi li ghamlet fuq iz-zarbun, hareg profil genetiku b'tahlita ta' tlett persuni, fejn wiehed mill-kontributuri kien ragel.[69] Kopja originali ta' dan ir-rapport hi esebita fl-atti **Il-Pulizija vs Noel Borg**.[70]

19.L-Offiza fuq Lamin

Ghalkemm bis-sentenza li ser tigi citata jigi muri li anke Chalbi, li kellha **partecipazzjoni materjali** fir-reat li wassal sabiex Lamin issofri griehi setghet tigi addebitata bl-imputazzjoni ta' offiza gravi, hu biss l-imputat Mifsud li gie addebitat b'din l-imputazzjoni.

20. **Dr. Shamaki Garba** kkonferma certifikat mediku[71] mahrug minnu wara li ezaminha lil Lamin. [72] Il-griehi gew klassifikati bhala hfief salv kumplikazzjonijiet.

21. Madanakollu **Profs. Ray Gatt** jiddikjara li Lamin kellu *friction burn* ta' qies sostanzjali fuq il-koxxa tax-xellug. Meta ezaminah 3 xhur wara l-kaz, sab li soffra ferita *"a scar, hija scar li hija fonda, sensittiva. Il-gilda m'hiex normali"*.[73]Fir-rapport tieghu, l-abbli kirurgu jsemmi li din il-*friction burn "is about 40cm in length and 15 cms at its wider aspect and represents about 5% of the body area. The area has now become a tough fibrous slight tender eschar…this high thigh eschar will result in* ***permanent physical disability*** *that the patient sustained after the index accident. This will be qualified at the opportune time"*.[74]

Ghalkemm il-Profs Gatt kien tant kategoriku dwar il-htiega li Lamin jerga' jigi ezaminat biex johrog il-percentwali ta' dizabilita`, il-prosekuzzjoni qatt ma regghet talbet sabiex ix-xhud jerga' jezamina lil Lamin, u lanqas ma ntalab permezz ta' rinviju tal-Avukat Generali.

---

[67] Fol.245; Vide ritratti a fol.264
[68] Fol.246
[69] Fol.299. Rapport **Dok.MC** a fol.301 et seq.
[70] Fol.257 et seq ta' dak il-process
[71] **Dok.LZZ** a fol.134
[72] Fol.135
[73] Fol.120
[74] **Dok. RG** a fol.124

22. Jikkonferma li kien hemm offiza ta' natura gravi hu wkoll l-espert mediku forensiku **Dr. Mario Scerri.**[75] Skond l-ebbli espert, Lamin *"kellu friction burns, partial thickness burns estensivi fuq l-estremitajiet inferjuri. Dana inzamm l-isptar fil-Plastics Department sal-14 ta' Dicembru. Dawn il-lezjonijiet kienu kompatibbli ma tkarkir u huma ta'* ***natura gravi per durata****."*.[76]

<u>23. Il-Filmati</u>

Il-Qorti qiset il-provi kollha migjuba quddiemha. Il-verzjoni ta' Lamin li hi korroborata anke minn dak li jidher fil-filmat anness mar-rapport tal-espert Keith Cutajar, li l-original taghha hi esebita fl-atti **Il-Pulizija vs Noel Borg**.

Kif intqal il-filmat jissostanzja dak li xehed Lamin meta jispjega kif safa aggredit minn Mifsud u Borg fejn il-bagalja giet mghoddija **lil Chalbi biex din setghet titlaq tigri l-barra biha**.

Kif tinqabad ukoll fuq il-filmat xena li tkexkex fejn permezz ta' **vettura misjuqa minn Mifsud, persuna tigi mkaxxkra numru ta' metri**, tul il-vizzwali taz-zewg *cameras* li jkopru anke kantuniera. **Lanqas fil-kantuniera ma rrallentaw biex Lamin jidher jitkaxkar** bil-bieba miftuha kompletament u hu jissara ma Borg fuq is-*seat* tal-passiggier b'saqajh biss jibqghu barra mill-vettura. Mhemmx dubbju li Mifsud kien konxxju ta' dak li beda jsehh fis-*seat* ta' magenbu, izda <u>b'kattiverja</u> liema bhala, kompla jaghfas il-gass u jkaxkar persuna umana qisa kienet bicca tal-art.

Is-sahha li biha nstaqet il-vettura timmilita favur ghemil ta' min mar biex jisraq, gie sfrattat fl-intenzjoni tieghu w harab minn fuq il-post.

24. **Keith Cutajar**, esebixxa r-relazzjoni tieghu fil-mori tal-inkjesta fejn wara li eleva *cctv footages*, hareg numru ta' *stills* minnhom.[77] Il-hin tas-sistema tal-filmati kellu <u>38 minuta bil-quddiem</u> minn *real time*.[78] F'ritratt 35 tidher mara ggor bagalja mdaqqsa. Ritratti 49 -51 juru cjar lil dak li issa hu maghruf bhala Lamin izomm mal-unika bieba fuq dik in-naha tal-vettura. Ritratti 52-53 juru lil Lamin jitkaxkar mal-art waqt li ghadu ggranfat mal-bieba. Kopja originali ta' dan ir-rapport hi esebita fl-atti **Il-Pulizija vs Noel Borg** kif ukoll annessa ma dan il-process.

---

[75] Fol.309
[76] Rapport **Dok.MS** a fol. 312 et seq.
[77] **Dok.KC** a fol. 166 et seq
[78] Fol.171

25. Il-Qorti ma strahietx fuq l-*stills* estratti, izda ezaminat il-filmati esebiti. Kien permezz ta' dawn il-filmati li l-Qorti setghet **minghajr diffikulta` tidentifika lil Borg, Mifsud u Chalbi.**

Is-*cctv* ittiehed minn Chicken Farm fi Triq l-Istallel; triq li taghlaq u li l-isfel fuq il-lemin hemm kantuniera li taghti ghal Triq il-Gerrejja. Jirrizulta li d-dahhla ghall-garaxxijiet fejn f'wiehed minnhom kien jirrisjedi l-vittma hi faccata ta' fejn kien hemm dawn il-cameras, tant li parti mill-aggressjoni – dik li sehhet fi triq – tinqabad minn din il-*camera.*

Il-hinijiet huma dawk tal-*cctv* (mhux *real time*). Skond L-espert Cutajar il-*footage* kellu 38 minuta bil-quddiem.[79]

A. Camera 1

(i) Track ch01_20181122144147

**14:46:34** Tasal il-Beetle **two-door** misjuqa minn persuna maskili li l-Qorti tista' facilment tiddentifika bhala Mifsud.

**14:46:49** Mifsud johrog idu w jaghmel sinjal lil xi hadd faccata tieghu l-isfel fi Triq l-Istallel.

**14:47** Jipparkja, johrog mill-vettura w imur jiftah il-bieba tal-passigier minn fejn tohrog dik li l-Qorti qed taghraf bhala Chalbi. Liebsa ilbies skur maghmul minn dublett qasir iswed u bhal *overcoat* qasir kif ukoll zarbun iswed jew skur bit-takkuna. Din tmur fid-direzzjoni ta' fejn jirrizulta (anke wara li l-Qorti rat ir-relazzjonijiet tas-*scene of crime officers* u tal-espert fl-informatika Cutajar), il-bokka tal-garaxxijiet. F'idha l-lemminja tidher izzomm *mobile.* Ma qed igorr l-ebda *handbag* jew artiklu iehor. Wara li Chalbi tohrog mill-vettura, Mifsud jerga jidhol fis-*seat* tax-xufier.

**14:47:45 - 14:47:53** Mifsud jidher qieghed jitkellem ma xi hadd propju fid-direzzjoni li hadet Chalbi.
**14:55:18** Mifsud jistartja u jinzel l-isfel.

**14:59:43** Terga' tidher il-Beetle tirriversja ghal fejn kienet erba minuti qabel u tibqa' ipparkjata.

[79] Fol.171

**15:09:36** Il-Beetle terga' tisstartja u tinsel l-isfel (fejn minn *camera 2* tidher tirkeb fis-seat tal-passiggier Chalbi b'karkur fejn lanqas ma jidher li ghadha liebsa l-*overcoat* tenut kont li meta harget mill-vettura dan jidher separat mill-libsa ghax itir bir-rih).

**15:41:45** Terga' tasal il-Beetle, b'Mifsud isuq u tipparkja fl-istess post fejn ipparkjat fiz-zewg okkazzjonijiet precedenti.

**15:42:43** Johrog Mifsud, jiftah il-*passenger door* u f'**15:42:52** tohrog l-ewwel Chalbi - issa bla *overcoat* izda biss libsa qasira u zarbun catt (ezatt kif kienet liebsa x'hin telghet fil-vettura 15:10:37[80]).

**15:42:59** Johrog ukoll Noel Borg. It-tlieta li huma jimxu l-isfel fid-direzzjoni tal-garaxx fejn jirrisjedi l-vittma.

**15:44:13** Jirritornaw Borg u warajh Mifsud. Wara li jghidu kelmtejn minn fuq is-saqaf tal-Beetle, f'**15:44:26** Borg jidhol fuq is-*seat* tal-passiggier u Mifsud fuq is-*seat* tax-xufier.

(ii) Track ch01_20181122154905

**15:49:20 Mifsud** jerga' johrog mill-vettura u jiftah il-bieba tal-passiggier biex johrog ukoll Noel Borg. **Jimxu fid-direzzjoni ta' fejn jirrisjedi l-vittma b'mod kalm**. Fit-triq minn hin ghall-hin hemm movimenti ta' vetturi kemm ta' *passers by*.

**15:54:48 Chalbi tigi tigri lejn il-karozza b'bagalja zghira** (ikbar minn *hand luggage*) li ddahhalha fuq is-*seat* ta' wara, tidhol hi wkoll fuq is-*seat* ta' wara u taghlaq il-bieba.

**15:55:12** Dlonk jidher jigri ragel ta' karnaggjon skur li jaghmel salt ghall-bieba tax-xufier, jiftaha w jidhol fuq is-*seat* ta' wara.

Immedjatament jasal **Mifsud li jiftah il-bieba w jibda jipprova johrog il-barra mill-vettura lil dan ir-ragel**. Jasal ukoll Borg waqt li **Mifsud qed jissara mieghu w johorguh**. Il-vittma jibqa jzomm il-qmis ta' Borg x'hin dan tefghu mal-art tant li l-qmis tieghu tqattat.

**15:55:36** Borg jidhol fis-*seat* tal-passiggier u meta l-bieba tal-passiggier hi miftuha kollha u l-vittma jidher **sa qaddu fuq is-seat tal-passiggier jissara mal-istess**

[80] Track ch02_20181122150441

**Borg,** il-vettura tinstaq **b'velocita` kbira bil-vittma ghadu jipprova jzomm maghha biex jidhol fiha**.

Camera 2[81]

Din il-camera toffri vizzwali cjar ta' parti minn Triq l-Istallel li tiftah ghall-kantuniera li taghti ghal Triq il-Gerrejja. Thares l-isfel lejn Triq l-Istallel u tinsab faccata tal-binja li kien jirrisjedi fiha l-vittma.

Minnha tinqabad xena kerha w krudili mmens ta' bniedem parzjalment gol-vettura li kien mqabbad ma gewwa taghha jitkaxxkar hi u tinstaq b'velocita` qawwija.

(i) Track ch02_20181122140000

Fl-**14:54:47** Tidher Chalbi titlajja f'kantuniera, liebsa zarbun bit-takkuna. Kif jirrizulta minn Camera 1, f'dan il-hin il-Beetle b'Mifsud jaghmilha tax-xufier qed tistenna aktar il-fuq fejn it-triq taghlaq.

**14:55:28** Tavvicina Volkswagen Beetle blu BEE-008 u tieqaf mal-bankina opposta ghal fejn kienet Chalbi.

**14:56:12** Chalbi timxi ghan nofs tat-triq u wara ftit sekondi, meta l-vettura tibqa' fil-kantuniera, din timxi l-fuq fid-direzzjoni fejn Lamin jirrisjedi.

**14:59:31** Il-Beetle, kjarament *two door* titla b'*reverse* lejn id-direzzjoni li hadet Chalbi.

(ii) Track ch02_20181122150441

**15:09:43** Tasal l-istess vettura tieqaf fil-kantuniera ma Triq il-Gerrejja, u tirriversja fuq biex tipparkja ezatt fil-kantuniera.

**15:10:31** Ix-xufier johrog idejh mit-tieqa tal-vettura biex xi hadd li evidentement qieghed x'imkien wara l-vettura javvicina.

**15:10:37** Tasal Chalbi minghajr l-*overcoat* u b'zarbun catt.

**15:10:41** Chalbi titla fil-vettura fis-*seat* tal-passigier.

[81] *Stills* relattivi a fol.166 et seq

**15:10:43** Il-karozza tinstaq l-isfel u fil-**15:10:51** ma tidhirx izjed x'hin iddur mal-kantuniera.

**15:41:41** Terga tigi l-Beetle u sa **15:41:46** tinstaq il-fuq u tohrog mill-vizzwali.

**15:55** Ragel li kien niezel l-isfel jibda jhares lejn id-direzzjoni ta' fejn taghlaq triq l-Istallel; evidentement kienet qed issehh f'dak il-post

**15:55:18** Jibqa jhares fiss f'dik id-direzzjoni sakem **15:55:42** jidhol il-gewwa bhal donnu jistkenn wara vettura waqt li jibqa b'harrstu fl-istess direzzjoni

**15:55:42 -15:55:46** Tinqabad xena makabra fejn ragel ta' karnaggjon skur jidher **aktar minn nofsu gewwa l-vettura fuq is-seat tal-passigier** tal-Beetle w izomm mal-bieba li tibqa' kompletament miftuha, bil-vettura tinstaq <u>b'velocita` qawwija.</u>

Hu impossibli li l-persuni riekbin, u senjatament ix-xufier Mifsud, ma jindunawx li kellhom persuna ohra tipprova tidhol mis-seat ta' quddiem tal-passiggier fil-vettura. Fil-fatt minn still mehuda **15:55:44** huma biss riglejh li huma barra minn fuq is-*seat* tal-passiggier, il-kumplament ta' gismu huma fuq is-*seat* tal-passigier, okkupat minn Borg. <u>It-trab generat bit-tkaxkir</u> tal-vittma juri s-sahha li biha nstaqet il-vettura propju fil-hin li l-vittma kien qed uza l-forza kollha li kellu sabiex jidhol fil-vettura w jiehu lura hwejjgu!

Jibqa jitkaxkar sakemm johrog mill-vizzwali bil-vettura tibqa tinstaq b'velocita` liema bhala sal **15:55:46-15:55:48** meta jidhru nies jigru fid-direzzjoni li hadet il-vettura.

**15:55:52** Nies ohrajn jigu jigru mid-direzzjoni li giet minnha l-vettura w jieqfu jaraw x'sehh lil hinn mill-kantuniera lejn fejn gibdet il-Beetle.

Tassew hi xena mnezza minn kull sembjanza ta' umanita` dik li tinqabad bil-filmat li minn *Camera* 1 tidher issehh fil-hin ta' **15:55:36** u ssegwi fuq *Camera* 2 fil-hin bejn **15:55:42 - 15:55:46.**

26. Qatt ma jista' jkun kif tikkontendi d-difiza li l-imputat ma ntebahx bil-presenza tal-vittma. Wara li Lamin nhareg mill-vettura b'forza maghmulha minnu w Borg, dahal fil-vettura meta dan kien gja` jinsab fuq in-naha tal-passigier u sahansitra halla l-bieba miftuha, jghajjat u jissara ma Borg.

**Mifsud ma ghamel xejn biex jipprevjeni l-hsara** li ndubjamanet kienet ser tigi kawzata lill-bniedem igranfat ma karozza hi u tinstaq. **Minflok skansah mill-perikli, il-periklu holqu propjament hu.**

Ma ngabet l-ebda prova li f'xi hin, waqt li Lamin qed jigi mkaxkar, Mifsud waqqaf il-vettura kif tikkontendi l-abbli difiza tieghu. Dak li jidher hu l-kontra**. Il-filmat juri li Mifsud baqa' jkaxxkar lil Lamin ghall metri shah, dar kantuniera bih sakemm dan il-povru bniedem ma fellahx izomm izjed kagun tal-feriti li kien qed igarrab hu w jitkaxkar b'kawza tas-sewqan ta' Mifsud.**

27. Dak li jidher fil-filmat <u>jikkorobora l-verzjoni tal-vittma</u>. Wara li ttiehdietlu bagalja li kien fiha kien izomm kull ma kien jappartjenu lilu, flusu w flus shabu, gie msawwat u mkaxkar tul it-triq.

28. Minn dik ix-xhieda tal-vittma kif ukoll il-filmat, il-Qorti tikkonkludi li kien hemm il-**partecipazzjoni materjali kemm ta' Mifsud kif ukoll ta' Chalbi** mal-ezekutur l-iehor tad-delitt. L-imputati kienu **ko-awturi**!

Kien Mifsud li saq il-vettura b'tant velocita` bi bniedem ghadu iggranfat maghha, nofsu fuq is-*seat* tal-passiggier! Bl-ghemil tieghu Mifsud, ix-xufier tal-vettura, presta il- **ko-operazzjoni diretta u essenzjali** tieghu ghall-ezekuzzjoni tad-delitti li gie addebitat bihom.

Ma hemmx dubbju li Mifsud, Chalbi u Borg kellhom **ftehim pre-ordinat bejniethom.** Ix-xhieda li jaghti l-vittma timmanifesta dan lil hinn minn kull dubbju!

Il-provi ma jhallu lanqas l-icken dubbju li Chalbi wkoll tghat **ko-operazzjoni diretta u essenzjali** <u>ghall-ezekuzzjoni tas-serqa</u>**.** Kienet hi li wara li gie aggredit Lamin, inghatat il-bagalja minn Borg u telqet tigri l-barra biha. Kien f'dak il-mument li giet segwita minn Borg u Mifsud li baqghu jittratjenu lil Lamin bis-swat izda dan irnexxielu jaharbilhom kif juri l-filmat. Mill-ewwel wasslu warajh u b'sahha harguh mil-vettura fejn kien segwa lil Chalbi biex ikomplu bil-pjan taghhom li jitilqu minn fuq il-post.

29. Il-verzjoni li taghti Chalbi hi <u>kontradetta</u> minn dak li jidher fil-filmat.

Fil-fatt fl-istqarrija taghha tghid li ftit wara li regghet marret ghand Lamin marru Mifsud u Borg biex jaghtuha spalla: "*Mort, habbatlu l-bieb u dhalt u kien ha jaqbad jigi aggressiv. Wara ftit gew Noel u Johann u dan l-iswed ma bediex jibza' jigifieri, beda jghajjat joffendini hekk quddiemhom xorta u jiena qabel tlaqt rajtu lilhu tefghu gol-bagalja l-mowbajl tieghi u x'hin kellhom xi jghidu qbadtlu l-bagalja jiena, hadta u tlaqt nigri fil-karozza u warajjha gie l-iswed, imbaghad gew Noel u Johann u*

*nehhewh u tkaxkar mal-karozza."*[82] Mela hawn Chalbi qed tghid li Mifsud u Borg marru mill-ewwel maghha w il-bagalja haditha f'dik l-okkazzjoni.

Il-filmat izda juri mod iehor. Fil-filmat infatti jidhru Mifsud u Borg jaslu fuq il-post ma Chalbi fil-**15:42:43.**[83] L-ewwel johrog Mifsud, warajh Chalbi u warajha Borg u t-tlieta jimxu l-isfel fid-direzzjoni tal-garaxx fejn jirrisjedi l-vittma. 2 minuti wara fil-**15:44:13** jirritornaw fil-vettura Borg u warajh Mifsud u jaghmlu ftit sekondi jitkellmu minn fuq is-saqaf tal-vettura qabel ma jergghu jidhlu fil-vettura. Ghalhekk diga` hawn il-verzjoni ta' Chalbi mhix komfortata bil-provi ghaliex Borg u Mifsud ma marrux maghha mill-ewwel kif tikkontendi.

Iktar minn hekk. Il-filmati juru li wara li rritornaw lejn il-vettura wara biss 2 minuti li kienu hallewha, **regghu marru lejn ir-remissa hames minuti wara:** il-filmat juri li fil-**15:49:20** Mifsud u Borg johorgu mill-vettura u jimxu fl-istess direzzjoni b'pass kajman u **mhux b'pass ta' xi hadd li sejjer jigri jaghti l-ghajnuna lill-sehbithom, li kienet ghada ma rritornatx wara 5 minuti**! Meta din tirritorna **15:54:48** tidher tigri bil-bagalja ta' Lamin, 5 minuti wara li Mifsud u Borg l-ahhar li dehru.

Dan juri kemm mhix veritjiera Chalbi:

- X'raguni kien hemm ghaz-zewgt irgiel biex issegwuha aktar minn 7 minuti wara l-wassla taghhom meta huma kienu gja regghu lura fil-vettura wara li halliethom Chalbi?

- Jekk trid tigi emnuta li dawn marru maghha biss biex Lamin ma jaggrediehix, ghaliex meta wasslu fuq il-post u pparkjaw, ma marrux warajha mill-ewwel kif tistqarr Chalbi?

- Ghall-kuntrarju Camera 2 turi li l-Beetle wasslet **15:41:45** izda johorgu minnha **15:42:43**, jidhlu lura 15:44 u jerghhu johorgu minnha **15:49. Jekk riedithom jghinuha, ghaliex meta marru l-ewwel darba regghu rritornaw lura?**

- Kieku kien minnu li Chalbi riedet biss tiehu lura l-*mobile* taghha, xi bzonn kien hemm li titlaq bil-bagalja b'kollox? Wara kollox Mifsud u Borg kienu qed jiggieldu ma Lamin dak il-hin u ghalhekk xejn ma waqqafha milli tiftah il-bagalja kieku veru din kienet l-intenzjoni taghha:

[82] Fol.61

[83] Hinijiet li jidhru fuq il-footage mhux *real time* li gja` ntqal minn Keith Cutajar hemm offset ta' 38 minuta bil-quddiem, a fol.171

> *"**Spettur Lydon Zammit** : Naqblu li mabghad inqalghet kommossjoni, nqalghet glieda bejniethom ?*
> ***Leanne Chalbi** : Ijja, imma kollhu t-tort tieghu e, tal-iswed.*
> ***Spettur Lydon Zammit** : Ehe, imma nqalghet glieda bejniethom, bejn Noel . . . ?*
> ***Leanne Chalbi** : Ijja".*[84]

- Wara li hadet lura l-mobile taghha, ghaliex ma rritornatx il-bagalja iktar u iktar meta skont hi ma kien hemm xejn izjed ta' valur fiha?

Difficilment ukoll titwemmen Chalbi meta tisqar li riedet tiehu biss hwejjigha lura. Gie pruvat li z-zarbun taghha, li titlob ghalih fl-interrogazzjoni, kien qieghed wara l-bieb[85] izda baqghet ma hadditux!

30. Ukoll tibqa' bla ebda korroborazzjoni, d-dikjarazzjoni ta' Chalbi mal-pulizija li Lamin kien iccemplilha ghall-servizzji sesswali.

Kollox jindika li Lamin ma kienx jaf min hi u lanqas kellu n-numru taghha kif tistqarr Chalbi. Kieku hu li kien ghadu kemm tilef €4,000 u kull ma kellu, zgur ma kienx ser izomm lura milli jaghti l-*contact details* taghha. Wara kollox il-*mobile* tieghu baqa' fuqu: *"so then i take my phone and called the police"*. L-Ispettur Stacey Attard ukoll tghid li Lamin seta' biss jaghti deskrizzjoni tal-mara *"huwa qal li l-persuna femminili kienet liebsa libsa sewda u zarbun tat-takkuna."*[86]

Ghall-kuntrarju jirrizulta li meta gie mitkellem mil-pulizija *a tempo vergine*, mumenti biss wara l-aggressjoni, dan qal biss li kienu zewgt irgiel u mara b'takkuna. Il-Pulizija li xehdu f'dawn il-proceduri, kollha jsemmu li wasslu ghall-identita` tal-malviventi wara li elevaw il-*footage* u ghamlu indagini dwar il-vettura, kif ukoll li sors anonimu nfurmahom li kien involut John Mifsud.[87] L-ispettur Zammit ukoll jghid li bdew jasslu ghall-malviventi minn tfittxijiet rigward il-vettura.[88] PC508 li kien tal-ewwel fuq il-post mas-surgent Attard Flores, jghid li saru jafu x'gara mil-*footage.*[89] L-istess surgent PS953 Attard Flores jsemmi kif kellhom jaraw il-filmati biex jiddentifikaw il-malviventi u kif kien gie indikat lilhom John Mifsud bhala wiehed minnhom minn sors anonimu.[90]

---

[84] Fol.65
[85] Fol.264
[86] Fol.215
[87] Fol.47
[88] Fol.29
[89] Fol.226 et seq
[90] Fol.221 et seq

Ghalhekk wiehed jiddubita kemm verament kien iccempel lil Chalbi, xi haga li tibqa' nieqsa milli tigi sostanzjata sal-grad mistenni minnha! Hi l-istess imputata li, fl-istqarrija taghha, issemmi li l-*mobile* rega' fil-pussess taghha. Madanakollu baqghet ma ressqet l-ebda prova biex tissostanzja li Lamin kien iccempilha u li, aktar importanti, kien cempilha dak in-nhar, *"Dan il-persuna cempilli fuq il-mowbajl biex immur niltaqa' mieghu …".*[91]

Fid-dawl ta' dawn l-inkonsistenzi w verzjoni li tibqa' bla l-icken prova biex tissostanzjaha w tikkoroboraha, din il-Qorti tqis li hi l-verzjoni ta' Chalbi lill-Pulizija li hi nieqsa mil-kredibbilita` dovuta, mhux dik ta' Lamin kif tikkontendi l-abbli difiza tal-imputata.

31. Il-Qorti tqis li x-xhieda ta' Lamin, msahha w sostanzjata bi provi, hi kredibbli w ghandha mis-sewwa. Hi verzjoni li ssib korroborazzjoni shiha mill-*footage* esebit.

Dan ghaliex Lamin, meta mitkellem mill-Ispettur Zammit waqt li kien rikoverat, kien spjegalu li aktar kmieni Chalbi kienet habbtitlu biex toffri li jkolha x'taqsam mieghu. Wara marret flimkien ma zewgt irgiel ohra jistaqsu riedx jixtri *mobile* u jghid li dak il-hin kien qed jaghmel telefonata u kienu xi **14:41.** U hekk hu, peress li l-filmat[92], li ntqal mill-espert Cutajar li ghandu *offset* ta' 38 il-quddiem[93]) juri li Chalbi **tirkeb lura fil-vettura b'karkur u mhux takkuna** fil-hin tat-15:10:41. Dan il-hin f'*real time* jissarraf ghall-habta tal-**14:40;** ezatt kif stqarr Lamin ma l-Ispettur Zammit maghdud ukoll id-differenza ta' 38 minuta *offset!*

Zammit jixhed *"Jien l-ghada tkellimt mal-vittma gol-isptar Mater Dei li fejn kien diga nfurmat, informa lill-Ispettur Fabian Fleri li l-Qorti ghadu qed jinzamm sal-gurnata tal-lum li hu spjegali li hu Leanne Chalbi kienet marret hin qabel biex toffrilu xi servizzi sesswali izda hu skond kliemu m'accettax minhabba r-religjon tieghu, minhabba li hu ta' religjoni musulmana, qalli jien ma nistax ikolli x'naqsam ma' nisa' li m'huwiex mizzewweg maghhom ghalhekk irrifjuta u Leanne Chalbi telqet il-barra. Xi hin wara irritornaw Leanne Chalbi, dejjem qed nghid id-dikjarazzjoni li tani l-allegat vittma, ghall-habta tas-saghtejn u wiehed u erbghin minuta u tani l-hin ezatt ghax kien fuq il-mobile ghalhekk kellu l-call registrata, qalli li rritornaw l-persuna femminili flimkien ma' zewg persuni maskili u biex ibieghulu mobile phone."*[94] Din taghti spjegazzjoni ghaliex kellu jinstab iz-zarbun taghha ghandu! Meta ddeskriviha ma l-Ispettur

[91] Fol.59

[92] Camera 2 - Track ch02_20181122150441

[93] Fol.171

[94] Fol.30-31

Stacey Attard, Lamin ukoll semma li din kienet liebsa zarbun bit-takkuna, *"huwa qal li l-persuna femminili kienet liebsa libsa sewda u zarbun tat-takkuna."*[95]

Dik l-verzjoni, ghalkemm minghajr valur probatorju dwar il-veracita` o meno fis-sustanza taghha peress li tikkostitwixxi *hearsay*, hi riflessa f'dak li naqabad mill-filmati li ghall-kuntrarju hu prova ammissibbli. Fil-fatt meta l-vettura terga' tirritorna, l-imputati u Borg johorgu minnha fil-**15:42:43,**[96] jergghu jirritornaw fiha 2 minuti wara biex imbghad hames minuti wara fil**15:49:20**[97] Mifsud u Borg jerghu imorru fid-direzzjoni tar-residenza ta' Lamin (*real time* **15:09** *circa*).

32. Il-Qorti lanqas ma temmen li l-bagalja kien fiha biss €40 kif tistqarr Chalbi. Difficuli jitwemmen li ghal €40 Lamin kien ser joqghod jithalla jitkaxxkar ghal 60 metru shah.

Madanakollu ghalkemm Lamin sa mil-bidu nett issemmi li kellu madwar €4,000 fiha, hu stess jistqarr li kien hemm €1,500 tieghu filwqt li siehbu, Ansummana Drammeh, jsemmi li kellu xi €400.[98] Il-kumplament baqghet ma ngabitx il-prova dwarhom ghalkemm Lamin qal lill-Ispettur Attard li kien hemm flus li jappartjenu wkoll lil certu Lamin Kasama[99]izda dan il-persuna ma ngiebx bhala xhud biex jikkonferma l-ammont li effetivament gie misruq lilu.

Ghalhekk l-ammont tar-*res furtiva* li giet pruvata sal-grad mistenni hi dik ta' **madwar €2,000** tenut kont li fil-bagalja jistqarr li kellu hwejjeg u dokumenti ohra.

In konkluzzjoni, il-Qorti tqis li ma ngabu l-ebda provi li b'xi mod jikkontradixxu l-verzjoni ta' Lamin dwar dak li sehh meta Chalbi flimkien mal-ko-awturi l-ohra regghu dahhlu gewwa daru, sawwtuh, serquh u darbuh gravament!

33. Ghall-fini ta' kompletezza jigi nnutat li l-abbli difiza tal-imputata ssostni li ma ngabitx il-prova tal-hin izda dwar dan il-Qorti tirrileva li fl-ewwel imputazzjoni ma tissemma' l-ebda kwalifika ghajr dawk tal-ammont, lok u vjolenza. Kwalifiki li mil-provi prodotti lkoll jirrizultaw.

---

[95] Fol.215
[96] Camera 1 - Track ch01_20181122144147
[97] Camera 1 - Track ch01_20181122154905
[98] Fol.140
[99] Fol.215

34. Minn dawn ir-rizultanzi processwali, mhemmx dubbju li daqs Mifsud, izda bi rwol differenti, Chalbi wkoll kellha **partecipazzjoni materjali** fis-serqa bi vjolenza; **vjolenza kemm numerika kif ukoll b'konsegwenza tal-offiza fuq il-persuna** li giet kkagunata minnhom lil Lamin Jammeh.

Ghaldaqstant mill-provi migjuba l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha dwar is-**serq bi vjolenza** hekk kif addebitat liz-zewg imputati, u dan anke in vista tas-sentenza li issa ser issir riferenza ghaliha.

35. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Richard Grech,** il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) kellha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel:[100]

> **47.** Illi sabiex l-appellant jista' jinstab hati bhala ko-awtur f'dawn id-delitti jrid jirrizulta sodisfacjentement ippruvat mill-prosekuzzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi kien hemm il-partecipazzjoni materjali tieghu ma' l-ezekutur jew ezekuturi dirett/i tal-att li bih kien ikkonsumat ir-reat, izda u fuq kollox illi huwa ppresta l-ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt. Dan allura necessarjament jimplika illi jrid ikun hemm il-ftehim pre-ordinat bejn tnejn jew aktar persuni ghall-fini li jigi kommess id-delitt. Mankanti din l-intenzjoni u cioe' dan l-akkordju bejn tnejn jew iktar persuni, allura ma jistax jinghad illi l-figura tal-ko-awtur tista' tiehu l-hajja. Kwindi jrid jigi ppruvat sal-grad tac-certezza morali illi "bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt.[101]"
>
> **48**. Dak allura illi jrid jirrizulta mhuwiex biss l-att materjal li jindika l-presenza fizika ta' l-akkuzat fuq il-post tad-delitt ghaliex dan l-element wahdu ma jistax jistabilixxi r-reita', izda wkoll irid jirrizulta illi huwa jkun ha sehem attiv fil-kommissjoni tar-reat u wkoll illi kien hemm 'l hekk imsejjah "*common design*" bejn l-malviventi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-fatt materjali wahdu li persuna tkun ghenet biss fil-kommissjoni tad-delitt ghalhekk ma jistax iwassal ghall-figura tal-ko-awtur, izda ghal dak tal-komplici billi kif inghad l-ko-awtur irid necessarjament ikun ha sehem attiv fil-kommissjoni tad-delitt u mhux semplicement offra l-ghajnuna tieghu fil-preparazzjoni ghall-kommissjoni tar-reat jew sabiex l-att materjali tal-ezekuzzjoni tad-delitt jirnexxi. Dan ifisser allura meta applikat ghal fattispecje ta' dan il-kaz illi :
>
> > **"Jekk hemm il-hsieb bejn zewg persuni, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-iehor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qieghed hemm jiehu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva hija l-ko-awtur.**

[100] Per Onor. Imhallef Joseph Zammit McKeon, Agent President, Onor. Imhallef Abigail lofaro, Onor Imhallef Edwina Grima; Dec. 31 ta' Ottubru 2018; Att ta' l-Akkuza numru 27/2007

[101] App.Krim 24/05/2002; **Il-Pulizija vs Carmelo Agius et**.

**Il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett tal-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat.**[102]

Mhux biss izda:

**'Min ihajjar lil persuna ohra biex tikkommetti s-serq, u waqt li dik il-persuna tikkommetti s-serq jiddistrahi lil dawk li jkunu prezenti, huwa ħati ta' serq huwa wkoll bħala ko-awtur; għaliex huwa ko-awtur f'delitt minħabba parteċipazzjoni materjali mhux biss dak li jkun l-ezekutur dirett tal-att konsumatur tar-reat, imma anki min b'xi mod iehor jippresta ko-operazzjoni diretta u essenzjali ghall-esekuzzjoni tad-delitt.'**[103]

**49**. Illi kif inghad aktar 'il fuq huwa stabbilit illi l-appellant kien wiehed mill-imhuh wara l-ftehim li sar bejnu u l-awturi l-ohra sabiex jigi kommess id-delitt. Kien hu li flimkien ma' Chris Scerri u James Vella fasslu pjan sabiex jisirqu il-basktijiet li fil-fehma taghhom kienu jikkontjenu l-flus minn fuq il-persuna ta' Alphonse Ferriggi li kien jasal kmieni fil-ghodu bil-konsenja l-bank. Kien l-appellant li haseb biex idahhal lil Joseph Zammit sabiex jassistihom fil-kommissjoni ta' l-istess ghaliex kien tal-fehma illi kien kapaci iharrabhom wara l-kommissjoni tad-delitt billi jistenniehom b'vettura ohra sabiex ma jaghtux fil-ghajn li kienu involuti fil-kommissjoni ta' l-istess. Mhux biss izda huwa stabbilit ukoll, kif diga` nghad, illi l-appellant kien prezenti fuq ix-xena tad-delitt sabiex jassisti b'mod dirett fl-esekuzzjoni ta' dan il-pjan pre-ordinat, ghalkemm huwa baqa` jinnega illi kien prezenti u li spara lil Ferriggi.

**50.** L-appellant jishaq ukoll illi huwa ma kienx jaf illi l-komplici tieghu kellhom arma tan-nar fil-pussess taghhom, li ghalkemm hija skreditata mill-provi, madanakollu anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen il-verzjoni tieghu xorta wahda dan ma jistax awtomatikament jezonerah mir-responsabbilta` penali ghall- konsegwenzi li sehhew.

**51**. Fis-sentenzi fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zammit**" [104] u "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew Mizzi**" [105] għal dak li jirrigwarda kompliċita`, u l-korelazzjoni u l-komunikabilita' mal-awtur jew l-awturi tar-reat kien ddikjarat hekk :-

**In materja ta' komplicita', tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li jghid il-Professur Sir Anthony Mamo**[106]**:**

**"... if a man, with the object of aiding the commission of a theft, assists the principal to enter into the house, knowing that he had provided himself with a weapon for the purpose of facilitating the theft if it should be found so necessary,**

---

102 Deċiża fl-14/12/2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David - - **Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**.

103 Deċiża fil-25 ta' Ottubru 1958 mill-Imħallef Dr. W. Harding - **Pulizija vs Joseph Scicluna** app.inferjuri.

104 Deċiża fl-20 ta' Jannar 2011 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imħallfin Raymond Pace, David Scicluna u Joseph Zammit Mc Keon.

105 Deċiża fl-24 ta' Frar 2014 mill-Qorti Kriminali mill-Imħallef Michael Mallia.

106 Lectures in Criminal Law, P. I, p. 148 – 149.

**will be co-responsible for the theft aggravated by 'violence' if the principal actually makes use of that weapon in perpetrating the theft. Nani[107] puts the rule in the following words: 'Se la scienza del complice non si estendesse alla qualita' del delitto medesimo, non potrebbe a lui comunicarsi quella distinta imputabilita' la quale e' inerente alle qualita' ignorate del delitto, e conseguentemente non potrebbe essere colpito da quella specie o da quel grado maggiore di pena che la legge avesse riservato al delitto cosi' qualificato .... Questa scienza per altro dovrebbe presumersi per le qualita' connesse col delitto conosciuto o talemente dipendenti dalla non ignorata commissione del medesimo che la commissione del delitto importasse ancora la previdenza delle qualita' medesime.'**

**"....when the principal causes a more serious event or result than was in the contemplation of the accomplice, then the doctrine commonly accepted on the continent may be briefly stated as follows:**

**"i. If the principal deliberately commits an offence which is wholly different from that ordered or advised by the accomplice, the latter is not liable for the offence committed....**

**"ii. In all other cases, a distinction is made between what is called excess in the means ('eccesso nei mezzi') and excess in the purpose ('eccesso nel fine'). There is the former where the principal uses means different from those concerted between the parties: e.g. the original common design contemplated the use of a stick to beat a person, but the principal uses a sword and kills that person. In this case the responsibility for the more serious result is wholly of the principal. There is an excess in the purpose where, though the means are those actually combined between the parties, they produce a more serious result than that originally contemplated. In any such case, if the graver result ensues as a natural and foreseeable consequence of the means used or owing to the negligence (i.e. not to the deliberate intention) of the principal, liability for the graver result is contracted also by the accomplice: for, although he may not have expressly desired that result, nevertheless he maliciously wanted the means which by their very nature could cause that result[108].**

**"This is, as Maino says, the doctrine universally accepted on the continent. With us it applies subject to the express provisions of our law which, as we have seen, extends liability in respect of the aggravating act to all parties to the criminal enterprise with whose previous knowledge it was perpetrated and even to those who, becoming aware of the aggravating act at the time of its perpretration, and being able to prevent it, did not do so."**

**52.** **<u>Francesco Antolisei</u>** wkoll josserva[109] :-

**"Nell'ipotesi, poi, che una rapina sia sfociata in un omicidio (ipotesi tutt'altro che infrequente nella pratica e grave di conseguenze), bisognera' considerare se**

[107] Principii di Giurisprudenza Criminale, s. 155.
[108] Carrara, Programma, s. 500 – 504; Maino, 63, s. 339; Chaveau et Helie, Vol. I, Part I, Cap. XII, s. 279.
[109] Manuale di Diritto Penale – Parte Generale, sesta edizione , Giuffre` – 1969.

**l'uccisione sia stata il risultato di una insospettabile, e percio' eccezionale, resistenza della vittima o di altri avvenimenti singolarissimi. Nel caso che a tale quesito si risponda negativamente, i compartecipi che non vollero l'uccisione ne risponderanno."**

**L-istess awtur jirreferi ghal sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tat-18 ta' Novembru 1960 fejn gie ritenut li "in casi in cui un rapinatore a mano armata aveva ucciso uno degli aggrediti, ha ritenuto la responsabilita' per omicidio volontario ex art. 116 c. P. di tutti i concorrenti nella rapina."**

**53.** Fid-dawl tal-premess, jidher car illi min qiegħed fuq ix-xena tad-delitt u jkollu rwol dirett anke jekk mhux ewlieni fl-eżekuzzjoni tar-reat jitqies li huwa ko-awtur fid-delitt kommess, mhux kompliċi, ghalkemm jista' ikollok il-figura tat-tnejn fl-istess persuna bħal per eżempju l-persuna li tkun iffurmat il-pjan jew ħajret lil ħaddieħor jipparteċipa fid-delitt li sussegwentement pero' tipparteċipa hi wkoll direttament fil-kommissjoni tar-reati nnfushom meta dawn ikunu fl-eżekuzzjoni tagħhom.

**54.** Stabbilit dan l-insenjament gurisprudenzjali allura l-figura tal-appellant tissarraf f'dik ta' ko-awtur fil-kommissjoni tad-delitt mertu ta' dana il-kaz, anke jekk l-appellant seta' ma kienx il-persuna li spara t-tir kif qed jallega. Dan ghaliex jekk huwa ppruvat illi l-appellant kien konsapevoli li kienet ser tintuza arma tan-nar fl-esekuzzjoni tad-delitt, ghalkemm ma jirrizultax ftehim ċar li persuna sejra tinqatel bl-arma li l-malviventi ikollhom fil-pussess taghhom waqt l-ezekuzzjoni, xorta waħda l-appellant jitqies bħala ko-awtur u xorta waħda jitqies responsabbli daqslikieku kien hu stess li spara l-arma lejn Ferriggi.
[sottolinejar ta' din il-Qorti]

36. Ghalhekk u tenut kont tar-rizultanzi processwali li gja` saret riferenza ghalihom, kif ukoll fuq skorta ta' dan it-taghlim, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni sal-grad mistenni fil-konfront taz-zewg imputati.

Jirrizulta pruvat is-serq bi vjolenza, li kif gja` ntqal, il-kwalifika tal-vjolenza avverrat ruhha kemm minhabba l-**offiza fuq il-persuna** li garrab Lamin kif ukoll minhabba l-**vjolenza numerika** peress li l-imputati pprezentaw rwiehom f'aktar minn tnejn.

Imiss issa li jigu kkunsidrati l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputati separatament

**Imputazzjonijiet Kontra John Mifsud Wahdu**

L-ewwel (1) Imputazzjoni: Offiza gravi

37. Din l-imputazzjoni nghatat biss lil Mifsud ghalkemm, fuq skorta tas-sentenza appena citata, kienet tikkonfigura wkoll fil-konfront ta' Chalbi.

Jibda biex jinghad li sabiex jissusisti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Kif deciz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**[110]

> Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: ***"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues.***

Fil-ktieb tieghu, Notes on Criminal Law, il-**Professur Anthony J. Mamo** ikompli jghid hekk:

> *"In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted.... ... Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu."*[111]

Ma hemmx dubbju li appena John Mifsud startja l-vettura w beda jsuq, dik l-intenzjoni ta' Mifsud li jaghmel hsara lil Lamin avverrat ruhha. Bniedem li ma ried jaghmel l-ebda hsara ma jsuqx meta ghandu persuna vicin il-vettura, *multo magis* meta tinsab imdendla mal-bieba, nofsha gewwa fuq is-seat tal-passiggier u meta l-bieba tal-vettura ghadha miftuha berah u hu qieghed jipprevjeni li tinghalaq. L-intenzjoni ta' Mifsud li jaghmel hsara lil Lamin tirrizulta pjenament meta jigi kkunsidrat il-**velocita qawwija** li saq biha, b' Lamin jghajjat ghall-ghajjut hu w jigi mkaxxkar ghal metri shah. Minn dan l-agir kif jixhed il-filmat, il-Qorti tikkonkludi li **Mifsud ma ddejjaq xejn jipperikola hajjet Lamin**!

---

110 Qorti tal-Appelli Kriminali; Per Onor.Imhallef Vincent Degaetano; Deciza 30 ta' Marzu, 1998

111 Pagna 225. Ara f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Noel Degiorgio**, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Marseanne Farrugia 22.12.2014; **The Police vs Chinonso Jude Okeakpu** 2.10.2013 u **Il-Pulizija vs Stephen Ciangura,** 26.09.2012, Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Edwina Grima.

L-abbli difiza ghall-imputat, fis-sottomissjonijiet finali taghha, tghid li Mifsud malli nduna b'Lamin, waqqaf il-vettura. Tishaq li Mifsud qal dan mill-ewwel anke fl-istqarrija tieghu.

Minn imkien ma jirrizulta dan! Fil-fatt lanqas stqarrija ma rrilaxxa Mifsud ghaliex ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li saritlu inkluz dawk dwar il-*particulars* tieghu! [112]

Mill-banda l-ohra, il-filmat lanqas ma juri l-mument li Lamin inqala' mill-vettura w ghalhekk il-qorti hi tassew perplessa bis-sottomissjoni tad-difiza meta tghid li l-filmat juri lil Mifsud jiehu *break*!! Meta l-vettura tohrog mill-vizzwali tal-filmat ghax il-vettura ddur il-kantuniera, Lamin ghadu jipprova jidhol fiha bil-bieba tal-passigier miftuha u b'Lamin saqajh jitkaxxkru mal-art!

Ghalhekk din is-sottomissjoni ma ssib lanqas l-icken prova biex tikkoroboraha. Jigi sottolinejat li l-**provi ma jsirux permezz ta' allegazzjonijiet maghmulha fil-kors tat-trattazzjoni finali,** allegazzjonijiet li jibqghu minghajr l-icken korroborazzjoni!

Ghall-kuntrarju, il-prosekuzzjoni ampjament ippruvat din it-tieni imputazzjoni moghtija lil Mifsud wahdu.

38. Ghalhekk determinat li l-imputat ghamel offiza fuq il-persuna ta' Lamin meta saq il-vettura b'Lamin jigi mkaxxkar ghal bejn 50-60 metru, jibqa' biex tigi determinata n-natura ta' din l-offiza.

Kif gja` sar accenn, il-prosekuzzjoni naqset milli terga' issejjah ghal Profs. Gatt wara li dan kien talab aktar zmien sabiex ikun f'posizzjoni jiddetermina jekk il-griehi mgarrba minn Lamin kellhomx permanenza. Lanqas ma gie indikat dan f'xi rinviju tal-Avukat Generali, meta l-iskop tar-rinviju hu precizament biex iwettaq skrutinju fuq il-kaz li jkun gie mressaq quddiem dawn il-Qrati mil-prosekuzzjoni.

Madanakollu l-abbli professur jindika li l-permanenza tirrigwarda l-marki, *"eschar"*,[113] meta l-artikolu 218 jirrikjedi li kwalunkwe sfregju ghandu jkun jkun gravi u permanenti w ikun maghmul fuq il-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż. Minn naha l-ohra ma giex soddisfacentement pruvat li l-offizi kkagunaw debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-

[112] **Dok.LV1** a fol. 77 et seq
[113] Fol.88

ġisem ta' Lamin jew wasslu ghal xi <u>difett permanenti</u> f'parti tal-għamla tal-ġisem.

Ghaldaqstant ma jistax jinghad li l-offizi jikkonfiguraw bhala xi cirkostanza msemmija bl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Madanakollu skond l-espert Dr. Mario Scerri l-offizi mgarrba *"kienu kompatibbli ma tkarkir u huma ta' **natura gravi per durata**"*.[114]

B'hekk qed tinstab htija limitatment dwar offiza gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali li hi kompriza w involuta fl-imputazzjoni li qed jigi addebitat biha Mifsud u cioe` dik ravvizata bl-artikolu 218 tal-Kodici.

<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni: Sewqan Perikoluz</u>

39. Rigward din l-imputazzjoni minn ezami tal-filmati, jirrizulta li l-karozza bin-numru BEE008 kienet qed **tinstaq minn John Mifsud**. Daqstant iehor jirizulta l-**mod perikoluz** li biha instaqet f' *built up area*, meta b'Lamin ghadu bejn il-bieba miftuha tal-vettura w s-*seat* tal-passiggier, jipprova jidhol fiha w jiehu lura hwejjgu.

Il-filmat ma jhalli l-ebda dubbju dwar il-fatt li **Mifsud konxxju tal-presenza ta' Lamin, jidhol fil-vettura w isuq b'velocita` qawwija** kif jixhdu t-trabijiet mqanqla mit-tkaxxkir ta' Lamin mat-triq.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Renald Vella** gie deciz:[115]

> *Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

114 Fol.269. Vide ukoll rapport a fol.287

115 Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Deciza 19.05.2014 per Onor. Magistrat Dr Consuelo Scerri Pilar, citata fis-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**, Il-Pulizija vs Joseph Farrugia**, per Onor. Magistrat Dr. Josette Demicoli, Deciza 05.10.2015

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco** l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*
*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide **Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia** - Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Cassar Desain** deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

Fl-istess sentenza gja` citata (**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**), il-Qorti tal-Appell Kriminali enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:[116]

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed **deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.***

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' **perikolu ghal terzi** jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu,*

116 Deciza 06.05.1997 per Onor. Imhallef Dr. Vincent DeGaetano.

*wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide* ***Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain****, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950) …….*

[emfazi tal-Qorti]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat** iddikjarat: [117]

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* (**"Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968])……

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi f'decizjoni ohra tal-istess Qorti gie deciz:-

… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...[118].

[117] Dec 22.11.2007 per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

[118] **Pulizija vs Joseph Grech**, deciza 06.06.2003

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella**[119] saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill--Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar, 2003, **Il-Pulizija vs Francis William Peter George Zarb Adami**:

> F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.[120]

Fuq skorta ta' din il-gurisprudenza w tenut kont tal-provi migjuba, ma hemmx dubbju li mhux talli Mifsud ma zammx *a proper lookout*, kif donnha tikkontendi l-abbli difiza fis-sottomissjonijiet orali taghha meta tghid li dan ma ntebahx mill-ewwel bil-presenza ta' Lamin.

Ghall-kuntrarju, li-Qorti temmen li <u>Mifsud saq kif saq b'dik il-velocita` kbira propju ghax kien zamm *a look out* u ntebah li Lamin ma kienx ser ihalli jinsetaqlu gidu kif gib u lahaq!</u> Kien ghalhekk li bla hniena, waqt li rah ghadu jaghmel hiltu biex jidhol fil-vettura, meta ghadu b'saqajh mal-art, saq bih b'kollox, dar kantuniera bih imdendel mal-vettura, ikaxxkru minghajr hniena minghajr mqarr inaqqas il-velocita` .

L-agir ta' Mifsud mhemmx dubbju li jammonta ghall-**sewqan perikoluz** w ghaldaqstant din l-imputazzjoni giet soddisfacentement ippruvata.

<u>Imputazzjonijiet Nru.3 u 4: Ricediva u Ksur tal-Kundizzjonijiet dwar Helsien mil-arrest</u>

40. **L-Ispettur Roderick Agius** esebixxa kundizzjonijiet dwar helsien mil-arrest tal-imputat Mifsud moghtija mil-Magistrat Dr. Monica Vella fil-31 t'Awissu, 2018, f'liema proceduri huwa kien l-ufficjal prosekutur.[121]

Madanakollu l-akkuza stess tispecifika li dawn il-kundizzjonijiet gew varjati b'digriet tal-Qorti Kriminali, <u>liema digriet ma giex sesebit mil-imsemmi Ispettur.</u>

B'hekk il-Qorti giet prekluza milli b'mod definittiv tiddetermina x'kienu l-kundizzjonijiet effettivament imposti, inkluz dak tal-garanzija.

---

[119] Qorti ta' l-Appell Kriminali Deciza 14.01.2013
[120] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza 7.02.2003
[121] Fol.276. Digriet **Dok.RA** a fol.278

L-**Ispettur Lydon Zammit** esebixxa sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat Mifsud nhar is-17 ta' Frar, 2011, li ghalkemm hi nieqsa mill-konnotati tal-imputat f'dawk il-proceduri,[122] tirreferi ghall-Att t'Akkuza Nru.15/2007 li tieghu giet esebita kopja u li fiha hemm il-konnotati tal-imputat Mifsud.[123] B'din is-sentenza giet kkonfermata sentenza tal-Qorti Kriminali li kkundannat lil Mifsud ghal seba snin prigunerija u multa ta' €3,000.

Ghalhekk giet soddisfacentement ppruvata biss it-tielet imputazzjoni u cioe` dik tar-recidiva.

**Imputazzjoni kontra Leanne Chalbi wahedha: Ksur Ordni ta' Probation**

41. L-imputata Chalbi giet akkuzata li kisret il-provvediment ta' ordni ta' probation moghti mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit nhar is-16 ta' Lulju, 2018.

Gew esebiti sentenzi datati t-18 t'April, 2005, moghtija mil-Magistrat Anthony Vella[124] li fiha l-imputata nghatat ordni ta' probation u tas-17 'April, 2018, fejn il-Magistrat Joe Mifsud, lliberaha b'kondizzjoni.[125]

Giet esebita wkoll sentenza moghtija fil-konfront ta' Chalbi liema sentenza inghatat fis-16 ta' Lulju, 2018, mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit.[126] Minnha jirrizulta li din inghatat *ordni ta' probation*. Fl-istess sentenza jidhru l-konnotati tal-imputata odjerna.

Jirrizulta li b'sentenza tal-25 t'Ottubru, 2019, il-Magistrat Dr. Marse-Anne Farrugia ttrattat maghha dwar diversi ksur t'ordnijiet ta' probation izda mhux dwar dak moghti mil-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit.

B'hekk l-imputazzjoni moghtija lill-Leanne Chalbi wahedha giet ampjament ippruvata w ghaldaqstant ma hemm l-ebda impediment sabiex il-Qorti tittratta maghha dwar il-ksur tal-ordni ta' probation moghti nhar is-16 ta' Lulju, 2018.[127]

---

122 **Dok.LCZZ** a fol.281 et seq
123 **Dok.LZZ** a fol. 333 et seq.
124 **Dok.LCZZ1** a fol.292 et seq
125 **Dok.LCZZ2** a fol.294 et seq
126 Fol.33. Sentenza **Dok.LZ3** a fol.38-43
127 **Dok.LZ3** a fol.38 et seq

*Artiklu 23 tal-Att dwar il-Probation*

Ghalhekk il-Qorti se titratta mal-imputata kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dawk il-proceduri Leanne Chalbi kienet giet imputata talli (i) nhar l-24 ta' Frar, 2018, ghall-habta tas-sitta ta' filghodu (06:00am) f'dawn il-Gzejjer, minn gewwa Frisk tal-Bidnija, Triq R. Caruana Dingli, San Gwann, ikkomettiet serq ta' oggetti (*detergents*) ghad-detriment ta' Pauline Sant u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra; (ii) rrendiet ruha recidiva taht l-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant din il-Qorti trid tinfliggi piena fuq l-imputata ghal dawk l-imputazzjonijiet li taghhom, fuq ammissjoni, kienet instabet hatja. Jinghad izda, li l-Qorti giet prekluza milli tittratta mal-akkuzata dwar l-addebitu tar-recidiva peress li l-imputata ma kienitx ammettiet din l-ahhar imputazzjoni w l-Qorti ma nghatat l-ebda dokumentazzjoni biex jigi sostanzjat dan l-addebitu, anzi mill-fedina penali esebita ma - fejn lanqas ma tidher mnizzla is-sentenza tal-Magistrat Stafrace Zammit tas-16 ta' Lulju, 2018 – ma jirrizultax li l-imputata nghatat xi sentenza ta' prigunerija jew xi multa izda biss sanzjonijiet taht l-Att dwar il-Probation li ma jistghux jitqiesu bhala kundanni.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset n-natura tal-imputazzjoni li taghha qed tinstab hatja u tal-ammissjoni taghha fir-rigward tal-istess, liema ammissjoni sehhet fi stadju ferm avvanzat ta' dawk il-proceduri. Qed tqis li l-imputata anke fiz-zmien li sehhew il-proceduri li fuqhom inghatat l-ordni ta' probation in dezamina, nghatat opportunita` tirriforma izda minflokk sfrutatt cans hekk, ghazlet tissokta bil-hajja refrattarja taghha. Ittiehed konsiderazzjoni ta' dak li gie dikjarat fil-*pre-sentencing report* maghmul dak iz-zmien u li estratt minnu jinsab riprodott fis-sentenza esebita.

**Piena**

42. Minbarra li qiset in-natura serjissima tar-reati li dwarhom qed tinstab htija fl-imputati, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali taghhom minn fejn jirrizulta li dawn mhux xi *first-time offenders.*

Gie kkunsidrat li Leanne Chalbi jirrizulta li nghatat diversi opportunitajiet fil-passat biex tirriforma ruha izda ta' ftit servew. Il-fedina penali taghha turi sensiela ta' ordnijiet ta' probation li ghazlet tikser minn zmien ghal zmien.

Mill-banda l-ohra Mifsud ghandu fedina penali kkulurita w twila, mzewwqa b'kull tip ta' reati primarjament dawk kontra l-Ordinanza dwar Medicini

Perikoluzi izda anke serq li dwaru nghata sentenza sospiza;[128] b'hekk hu ricediv anke taht l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dak li jirrigwarda lill-imputat <u>Mifsud wahdu</u>, gie kkunsidrat li l-piena ghall-imputazzjoni dwar offiza gravi addebitata lilu biss, hi assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Filwaqt li l-Qorti tizen u taghti l-piz dovut ghax-xhieda tal-ufficjal tal-probation[129] u ghas-*social enquiry report* maghmul minnu,[130] ma tistax ma tikkunsidrax l-ghemil vjolenti, bla qalb w inuman ta' John Mifsud li ma hasibiex darbtejn ikaxxkar persuna li ghadu kemm gie misruq minnu w minn shabu, billi jibqa jsuq bih imqabbad mal-istess vettura. X'qalb jista' jkollok biex tasal sa hawn? Ma sab l-ebda diffikulta` mhux biss li jcahhad bniedem minn dak li bl-gharaq ta' xbinu rnexxielu jikseb, izda li jidhol go daru, jaggredieh u jsawwtu. Meta dan ipprova jipprotegi hwejjgu, kaxxkru ghall bejn 50 u 60 metru, tul Triq is-Sajjieda sa wara l-kantuniera ghal go Triq il-Gerejja!

43. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti qiset l-irwoli differenti li l-imputati kellhom fis-serqa, fejn ghalkemm it-tnejn qed jinstabu hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra taghhom, kien Mifsud li saq il-vettura u biha kaxxkar persuna li ma jafhiex kiesah u biered.

Ghemil bhal dak manifestat mill-imputati, juri bic-cjar li sakemm ikunu verament rrijabilitaw rwiehom, **posthom certament mhux fis-socjeta**`. Hu mistenni li socjeta` tigi protetta minn ghemil daqshekk inuman, krudili u kiefer li kien kapaci jezercita propju fuq min ma ghandu xejn ghajr ghal dak li l-bzulija w tbghatija tieghu tista' tirrendilu.

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha I**l-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[131]

> Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:
>
> **(a) the punishment of offenders**
> **(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
> **(c) the reform and rehabilitation of offenders**

---

[128] 05.07.2007
[129] Fol.418-419
[130] **Dok.DC** a fol.420 et seq.
[131] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Dec.3 ta' Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

**(d) the protection of the public**
**(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –

**' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**

**Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**

**'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

44. Gie kkunsidrat ukoll li l-imputati ma ghamlu l-ebda pass sabiex jizarcixxu jew jikkumpensaw lill-vittma tal-hsara li soffra! Hu propju f'dan li l-Qorti tislet l-animu veru tal-imputati, animu nieqes minn rimors veru w tassew u senjatament minn Mifsud, ix-xufier tal-vettura, li tant gab sofferenza fuq bniedem innocenti. Mifsud li gie pruvat li hu ricediv taht l-artikoli 50 u 289, li ghalkemm daqq seba snin ta' inkarcerazzjoni, ma zammx lura milli jissokta b'kondotta kriminuza, fejn zied id-doza meta minn reati kontra l-ligijiet ta' droga, evolva ghall-atti tant vjolenti.

It-trabijiet mqanqla minn Lamin hu w jigi mkaxxkar tul it-triq, qatt ma jistghu jasslu biex jahbu u josturaw l-sfregju dejjiemi li l-ghemil tal-imputati halla fuqu! L-isfortuna hi li l-farret (*scar*) kawzata bil-ferita` li b'ghemilhom gghieluh iggarrab, ser ikun wiehed li z-zmien difficilment jista' qatt iffejjaq!

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi,

45. Fil-konfront ta' John Mifsud:

Filwaqt li tillibera lill-imputat Mifsud mir-raba imputazzjoni moghtija lilu wahdu (no.4.), wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 216(1)(d), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(g), 274(b), 276, 277(a), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza Dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat John Mifsud hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u cioe` ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu w kontra Chalbi, kif ukoll l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu wahdu (1.-3.), izda fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni addebitata lilu wahdu (1.) qed issib htija biss in kwantu ta' offiza ta' natura gravi ai termini tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, u tikkundannah **ghaxar (10) snin prigunerija.**

Finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal zmien ghaxar (10) snin. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

46. Fil-konfront ta' Leanne Chalbi

Wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b), 267, 269(g), 274(b), 276, 277(a), 279(a) u 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u cioe` ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontriha w Mifsud, kif ukoll tal-unika imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha wahedha, u tikkundannaha **sitt (6) snin prigunerija.**

Inoltre`, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputata, qed tinstab hatja li kissret il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta impost fuqha mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit fis-16 ta' Lulju, 2018,[132] qed tittratta maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom kienet tpoggiet taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

[132] **Dok.LZ3** a fol.38 et seq

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 7, 23 u 24 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u regghet rat l-artikoli 17, 31, 284 u 285 tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni (tal-ewwel imputazzjoni f'dawk il-proceduri), issib lill-imputata hatja ta' dawk l-akkuzi, u tikkundannaha ghal **xahar prigunerija.**

47. Fil-konfront taz-zewg imputati John Mifsud u Leanne Chalbi

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu l-ammont ta' **€304.03** rapprezentanti terz tal-ispejjez peritali.[133]

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali bhala kumpens għal dak it-telf li soffra Lamin Jammeh, vittma ta' serq bi vjolenza, kif ukoll ghall-offiza gravi kawzata mill-imputat Mifsud, tordna lil John Mifsud jikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' tmient elef ewro **€8,000.**

A tenur tal-istess artikolu, in vista tal-fatt li kienet ko-awtur fis-serq bi vjolenza ghad-detriment ta' Lamin Jammeh, Leanne Chalbi qed tigi ordnata tikkumpensa lil Lamin Jammeh fl-ammont ta' **€2,000**.

Din l-ordni ghandha l-istess forza w effett u hija ezegwibbli bl-istess mod bħallikieku nghatat f'kawża ċivili bejn l-imputati w il-parte leza.

Inoltre` a tenur tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, qeghda tpoggi lill-hatja taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex dawn ikomplu jindirizzaw bis-shih l-vizzju tad-droga.

Finalment ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali tordna l-konfiska tal-vettura Volkswagen Beetle bin-numru ta' registrazzjoni BEE-008.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**MAGISTRAT**

133 F'din il-komputazzjoni huma eskluzi l-ispejjez ta' Dr. Lenox Vella.